MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Appell Civili - Ghawdex Numru. 10/2005/1

**John u Jane konjugi Portelli**

**vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Awissu, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ta' l-atturi li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi per konsegwenza ta' hrug ta' drenagg mill-main tal-Korporazzjoni konvenuta, l-atturi sofrew danni fir-residenza taghhom "St John" Triq San Blas, Nadur,

Ghawdex, kif ukoll illi tali skular ta' drenagg fir-residenza ta' l-atturi gara tort ta' negligenza fix-xoghlijiet li kienu qed isiru minn haddiema jew kuntratturi nkarigati mill-Korporazzjoni, b'hekk li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dak l-ammont li jigi likwidat in linea ta' danni sofferti mill-atturi fl-ghamara u bini tar-residenza taghhom u dan prevja kif jigi ppruvat waqt din il-kawza; bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenut

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma li eccepiet:

1. l-inkompetenza ta' din il-Qorti '*ratione valoris'*;

2. li minghajr pregudizzju ghas-sueeccepit jehtieg li l-atturi jindikaw meta u fejn sar l-allegat hrug ta' drenagg indikat fl-avviz;

3. wkoll minghajr pregudizzju ghas-sueeccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

4. b'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri meta u jekk ikun il-kaz.

Semghet u ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-atturi qeghdin jipproponu l-*actio acquiliana* u jirreklamaw hlas ghad-danni li jghidu li sofrew fil-bini u ghamara tar-residenza taghhom kawza ta' drenagg pubbliku li far u skula fil-fond residenzjali taghhom. Il-Korporazzjoni konvenuta qeghdha tikkontesta mhux biss il-fatt ta' l-iskular fih innifsu izda wkoll u konsegwenzjalment ir-responsabilita'

tal-Korporazzjoni. Resqet wkoll l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza '*rationae valoris*'.

Issa ghal dak li jirrigwarda din l-ahhar eccezzjoni ghalkemm l-atturi fl-att promotur ma' jiddikjarawx l-ammont ta' danni effettivament minnhom sofferti jew ukoll li d-danni ma jiskorrux il-valur fil-parametri tal-kompetenza ta' din il-Qorti madanakollu hu wisq car fil-fehma ta' din il-Qorti li l-mankanza ta' dan ma jwassalx li l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza ghandha tigi akkolta; ifisser pero' li kull ammont eventwalment likwidat ghandu jkun entro l-parametri tal-kompetenza tal-Qorti kif adita.

Illi fir-rigward il-meritu l-atturi kellhom fl-ewwel lok jistabilixxu konnessjoni diretta u immedjata tal-kawza u effett tad-danni. Kellhom fi kliem iehor jippruvaw li d-danni kienu effett ta' sbruffar ta' drenagg fil-fond taghhom, li ghalih ma kienux responsabbli, u li ghal tali sbruffar kienet responsabbli l-Korporazzjoni bhala tutrici tas-sistema tad-drenagg pubbliku u kellhu l-effett li kkagunaw d-danni reklamati.

Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti fuq l-istregwa tax-xhieda prodotta u partikolarment tal-Inginier stess tal-Korporazzjoni m'ghandux ikun hemm dubbju li d-danni sofferti mill-atturi kienu kawza ta' l-isbruffar fis-sistema ta' drenagg pubbliku li ostura ruhu f'temp inuswali ta' xita qawwija u propulz mill-forza ta' gravita' sab sfogg fl-aktar punt debboli li bi sfortuna ta' l-atturi kien il-fond taghhom.

Illi referibbilment ghall-hsara x-xhieda prodotta kollha rreferew ghaliha bhala wahda sostanzjali u mill-inkartamenti fl-atti, li ma gewx ikkontestati, l-hsara tirrizulta fl-ammont ta' elfejn disa' mija tnejn u hamsin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm2952.84) u ghalhekk entro l-kompetenza ta' din il-Qorti.

Illi fil-kors tat-trattazjoni orali l-abbli Avukat tal-Korporazzjoni rrifera in linja ta' difiza ghall-Artikolu 21(2) tal-Kap 355 u l-Kapitolu 10 tal-Kodici tal-Pulizija. Bir-rispett dovut pero' din il-Qorti m'hix qeghdha tirriavvisa li b'danakollu l-Korporazzjoni m'ghandhiex fil-kaz odjern tassumi r-responsabilita' ghall-hsara kkagunata fil-fond ta' l-atturi u dana stante li kienet hi li esegwit ix-xoghol (immaterjalment jekk tramite kontrattur inkarigat minnha) u kienet hi nkarigata mix-xoghol li kien qieghed isir fil-mument meta sehhet il-hsara. Ghalhekk ma tarax li hemm rilevanza fil-fatt li taht il-Kap 10 ir-responsabilita' ghall-komunikazzjoni tas-sistema tad-drenagg hi mixhuta fuq is-Supretendent tas-Sahha Pubblika u fil-kaz partikolari n-negligenza tal-kontrattur taht ir-responsabilita' tal-Korporazzjoni kienet fil-fehma ta' din il-Qorti manifesta.

Ghaldaqstant, taqta u tiddeciedi billi tilqa it-talbiet ta' l-atturi, tillikwida l-ammont ta' hsara sofferta mill-atturi fis-somma ta' elfejn disa' mija tnejn u hamsin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm2952.84) u tikkundanna lill-konvenut il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma thallas dan l-ammont lill-atturi.  L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tal-Korporazzjoni."

Bl-appell taghha minn din is-sentenza l-Korporazzjoni konvenuta tissottometti b'aggravju illi ma ngiebux provi inkonfutabbli ta' negligenza da parti taghha fil-qadi ta' dmirijieta, u li allura l-hsarat li mmanifestaw ruhhom fil-fond ta' l-atturi ma gewx kawzati minhabba xi agir taghha;

B'dan l-aggravju taghha l-Korporazzjoni appellanti tikkollega ruhha ghad-disposizzjoni ta' l-Artikolu 21 (2) ta' l-Att li pprovda ghat-twaqqif taghha (Kapitolu 355) u li, skond kif sottomess minnha fil-korp tar-rikors ta' l-appell, jikkoincidi ma' l-Artikolu 1031 *et sequitur* tal-Kodici Civili, ghal dik li hi responsabilita` delittwuza *ex delicto vel quasi*.

Huwa, ormaj, sew rikonoxxut illi kull attivita`, anke dik ta' l-amministrazzjoni pubblika jew ta' xi enti mwaqqaf b'ligijiet specjali, trid tigi zvolta fil-limiti tal-ligi in generali u dawk tan-normattivi specjali. Effettivament, sa minn zmien ilu, in referenza proprja ghall-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili, gie affermat illi "l-lokuzzjoni tal-ligi hija generika u ma taghmel ebda eccezzjoni, lanqas ghall-Gvern. Ghalhekk, anke il-Gvern obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kaz li huwa, fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu, johrog mill-gusti limiti u jikkaguna pregudizzju lit-terzi". ("**Giuseppe Xuereb *et* -vs- Perit Carmelo Micallef *nomine et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru, 1953). Fil-kaz prezenti l-ligi specjali trid ukoll illi dan l-obbligu ghandu jigi mhares u segwit. Dan fis-sens illi kull funzjoni jew attivita` tal-Korporazzjoni trid tigi ezercitata fil-harsien tal-principju primarju *neminem laedere* ghax, fin-nuqqas, hi tenuta ssofri l-konsegwenzi dettati mill-Artikolu 21 (2) ta' l-Att u dawk stabbiliti mill-Artikolu 1031 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 ghall-kaz fejn tkun accertata n-negligenza taghha. Dan sija fil-kaz ta' ezekuzzjoni hazina tax-xoghlijiet jew tal-manutenzjoni taghhom, sija wkoll fejn jirrizulta b' mod generali nuqqas ta' kontroll u ta' vigilanza adegwata;

Maghmula din il-premessa, il-Korporazjoni appellanti tikkontendi illi l-htija attribwibbli lilha mill-atturi ghall-izbroff tad-drenagg fil-fond taghhom mhix ravvizabbli fil-vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi fuq imsemmija. Hi, anzi, tittanta tezonera ruhha mir-responsabilita` ghall-akkadut billi ssostni illi dan sehh minhabba xita qawwija. Fi kliem iehor, hi qeghda ggib 'il quddiem, b'difiza, illi d-dannu subit mill-atturi ma kienx ir-rizultat ta' xi attivita negligenti taghha jew minn xi fonti ohra tar-responsabilita` akwiljana taht il-Kodici Civili imma minn kaz fortuwitu jew ta' forza magguri. Kif insenjat, ta' l-ewwel hu dak l-avveniment li ma setax ikun prevvedut minn persuna ta' ordinarja diligenza. Il-forza magguri invece, hi dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti. Ara "**Albert Borg Falzon *proprio et nomine* -vs- Charles Darmanin *proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 7 ta' Gunju, 1940. Fil-kaz wiehed jew l-iehor il-prova ghandu jaghmilha d-debitur ta' l-obbligazzjoni, ossija, f'dan il-kaz,

il-Korporazzjoni konvenuta. Ara “**Consiglia Fenech -vs- Angelo Carabott**”, Appell Kummercjali, 17 ta’ Novembru, 1941;

Opportunement, irid jigi sottolinejat illi in mertu ghal din il-kwestjoni tezisti gurisprudenza assodanti li tippreciza li “*l’efficacia del caso fortuito e della forza maggiore o dello stato di necessita, quali mezzi liberatorii dalla responsabilita`, cessa quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa dell’agente*” (“**Vittorio Ciantar -vs- Saverio Gatt**”, Appell Inferjuri, 15 ta’ Mejju, 1926). Hekk, allura, gie enuncjat illi “*quando invece vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito ma la colpa e il quasi delitto*” (“**Publio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich *et***”, Appell Civili, 14 ta’ Novembru, 1919;

Affermati dawn il-principji kif johorgu mill-kazistika tal-Qrati taghna, jekk wiehed joqghod unikament ghax-xhieda ta’ l-Inginjier Joseph Bajada minnu moghtija a fol. 48 u fol. 56 tal-process ghandu jirrizulta illi l-akkadut seta’ sehh ghal xi wiehed minn dawn il-fatturi, jew kif isejhilhom hu, “*parameters*” meta jigru affarijiet bhal dawn:-

(1) Kien hemm xi “*manholes*” li fil-fazi ta’ l-ezekuzzjoni tal-progett, accidentalment infethu, mod jew iehor, u ngarr xi materjal fil-*main* li holoq *blockage* fis-sistema u gab “*back flow*” tad-drenagg. B’aktar precizazzjoni l-istess xhud ikompli jiddikjara li hu jaf li “jew accidentalment thallew xi tappieri miftuhin jew forsi kellhom xi tip ta’ *cover* fuqhom u tnehhiet bl-ilma”;

(2) Jista’ jkun ukoll illi, “il-*level of gravity* ma jkunx tajjeb jew ma jkunx qieghed kif suppost jew per ezempju l-livell tas-*service* ma jkunx (tajjeb)”. Huwa eskluda li kien hemm *blockage* fis-servizz tad-dar ta’ l-atturi, ghax dan

instab li kien fil-*main* principali, ftit l-isfel sew mill-fond ta' l-istess atturi;

Jigi rilevat ukoll illi dan l-istess xhud ma naqasx li jsemmi illi x-xoghlijiet, kemm dawk tal-*mains* kif ukoll tal-*connection* tal-frieghi tad-djar ma' dawk il-*mains* isiru mill-kuntrattur taht is-supervizjoni ta' l-impjegati tal-Korporazzjoni;

Minn dawn ir-rilevanzi huwa immedjatament distingwibbli illi fil-kaz in ispecje kien hemm kondotta li tista' titqies omissiva. Dan taht zewg aspetti. Il-wahda dik tal-kuntrattur inkarigat mix-xoghlijiet fejn il-kondotta tieghu hi strumentalment konnessa mal-kuntratt ta' l-appalt lilu kummissjonat mill-Korporazzjoni. L-ohra, dik ta' l-istess Korporazzjoni in kwantu din kienet fid-dover li tassikura, bil-kontrolli debiti, illi l-kuntattur taghha jadempixxi ruhu fedelment mad-dmirijiet tieghu taht il-kuntratt u tissorvelja b'mod adegwat illi l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet issir kif suppost u skond ir-regoli ta' l-arti, b'mod li tigi evitata l-krejazzjoni ta' sitwazzjoni ta' perikolu jew ta' dannu ghat-terzi;

Ankorke allura jekk ix-xita nizlet anke fi kwantita esagerata, u dan mhux disputat li kien hekk il-kaz, in-natura tal-kaz fortuwitu jew tal-forza magguri ghal dik ir-raguni, titlef l-effikacja taghha la darba l-otturrament tas-sistema tad-drenagg kienet hekk dovuta minn nuqqas ta' dik id-diligenza f'waqtha ta' sorveljar u tat-tehid ta' atti kawtelativi ohra biex il-*manholes* ma jithallewx miftuhin, u x-xoghlijiet in generali jkunu sew ezegwiti. Huwa veru li s-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Civili tas-17 ta' Mejju 1902 in re: "**P.L. Costantino Fenech -vs- Camillo Gatt *nomine***" tghid ukoll li mhux bizzejjed il-fatt tal-bniedem ghax dan irid ikun ukoll <u>determinanti</u>. Daqstant iehor pero` huwa veru illi la l-akkadut f'dan il-kaz seta' anke bi ftit attenzjoni, jigi impedut, u gjaladarba wkoll il-Korporazzjoni appellanti, skond l-istess ligi hi kkrejata, kellha prudentement tassikura illi l-*opus publicum* ma jgibx ghac-cittadini sitwazzjoni ta' dannu, il-mankanza

taghha li taghmel dan ma jistax ma jitqiesx ukoll, f'dawn id-dati cirkustanzi, bhala l-fattur determinanti ta' dak li ssuccieda;

Ikollu jinghad, allura, illi l-ewwel Qorti sewwa accertat ruhha mill-ezistenza objettiva tas-sitwazzjoni ta' dannu dovuta ghall-inerzja kawtelativa tal-Korporazzjoni appellanti u ta' dak in-ness ta' kawzali bejn tali kondotta kolpuza u d-dannu subit. Wisq ragonevolment, din il-kolpa negligenti taghha hi, fuq ir-ri-ezami ta' din il-Qorti tar-rizultanzi istruttorji, sew dezunta mill-fatti u c-cirkustanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-Korporazzjoni konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------